

32003L0107

L 7/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.1.2004

## ID-DIRETTIVA 2003/107/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Diċembru 2003

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) L-għan tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE <sup>(2)</sup> huwa li tiġi provduta data ta' min jorbot fuqha u komparabbli fuq il-produzzjoni u l-użu tal-ħalib u informazzjoni ta' min jorbot fuqha, regolari u fuq bażi ta' żmien qasir fuq kunsinni ta' ħalib lill-impriżi li jitrattaw jew jipproċessaw il-ħalib u fuq il-produzzjoni ta' prodotti ta' ħalib fl-Istati Membri.
- (2) In vista tal-importanza ekonomika dejjem tikber tal-livell ta' proteina fil-ħalib, qiegħed isir dejjem iktar neċessarju li jkun hemm informazzjoni statistika fuq il-livell ta' proteina tal-prodotti tal-ħalib ewlenin.
- (3) L-ispeċjalizzazzjoni fl-agrikoltura qed tiżdied in ġenerali, u s-settur tal-ħalib, in partikolari, qiegħed jgħaddi preżentement minn speċjalizzazzjoni reġjonali li tqajjem differenzi enormi bejn ir-reġjuni ta' Stat Membru singolu, li jirrikjedu informazzjoni dettaljata fuq livell reġjonali.
- (4) Sabiex jiġi garantit il-paragun tar-riżultati, rapporti metodoloġiċi għandhom jiġu miġbura skond format standard,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 4 għandu jkun emendat kif ġej:
  - (a) dan li ġej għandu jkun miżjud ma' paragrafu 1(b):
    - “(iv) il-kontenut ta' proteina tal-prodotti ewlenin tal-ħalib, ibbażat fuq il-kejl jew metodu ta' stima li x'aktarx jiggarrantixxi data ta' min jorbot fuqha;
    - (v) il-kwantità ta' ħalib tal-baqra prodott minn azjendi agrikoli fuq bażi reġjonali (unità territorjali NUTS 2) skond il-kejl jew metodu ta' stima l-iktar addattat sabiex tiġi garantita data ta' min jorbot fuqha.”

(b) paragrafu 2 għandu jitħassar;

2. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(2) għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni ta' kull sena bl-informazzjoni metodoloġika dwar l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), permezz ta' kwestjonarju standard magħmul mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.”;

3. L-Artikolu 6(3) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), it-tieni inċiż għandu jkun imneħħi;

(b) punt (ċ) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(ċ) f'Settembru tas-sena ta' wara s-sena tad-data ta' referenza, ir-riżultati msejħa fil-punt 2 ta' l-Artikolu 1 u f'punti (b)(v) u (ċ) ta' l-Artikolu 4(1).”

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex iħarsu din id-direttiva sal-31 ta' Marzu 2004. Huma għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza simili fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

## Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni fil-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 5 Diċembru 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Fisem il-Kunsill

Il-President

P. LUNARDI

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 Settembru 2003 (mhux publikata sa issa fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 78, 28.03.1996, p. 27.